MALTA

**QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

Rikors Numru 646/2018

Rikors għal revoka ta’ mandat ta’ sekwestru kawtelatorju –

Penali – sekwestru fuq paga – Art.381(1)(a) u 836(8) Kap 12

**Fl-atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta’ Kontro-Mandat għall-Mandat ta’ Sekwestru Numru 959/2018 fl-ismijiet:**

**Marco BUGELLI**

**vs**

**Mark MICALLEF u martu**

**Elizabeth MICALLEF**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq mill-eżekutati konjuġi Micallef fil-21 ta' Ġunju 2018, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, talbu li din il-Qorti tħassar il Mandat ta' Sekwestru fuq imsemmi għall-finijiet tal-artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; tikkundanna lill-eżekutant iħallas penali u fin-nuqqas tordna lill-banek sekwestratarji jirrilaxxjaw lill-eżekutat Mark Micallef il-paga li jirċievi;

Rat id-degriet tagħha tas-16 ta' Lulju 2018, li bih ordnat in-notifika lill-eżekutant bi żmien għan-Nota bħala tweġiba għat-talbiet tal-eżekutati;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimat eżekutant fis-26 ta' Lulju 2018, li biha u għar-raġunijiet hemm minnha msemmijin qal li t-talbiet tal-eżekutati ma jmisshomx jintlaqgħu għaliex huma bla bażi fattwali u legali;

Rat l-atti kollha tar-rikors u tal-Mandat li għalih jirreferi;

Ikkunsidrat:

Illi mill-**fatti ewlenin rilevanti għall-kwistjoni** jirriżulta li l-eżekutati ppreżentaw rikors quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera sabiex ikomplu bil-kirja li jsostnu li għandhom ta' ħanut li jbiegħ il-ħwejjeġ fi Triq Santu Wistin fir-Rabat, Malta. L-eżekutant ippreżenta kontro-talba għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni minħabba okkupazzjoni illegali u l-mandat ta' sekwestru *de quo* fejn ikkwantifika d-danni fis-somma ta' €30,000. L-eżekutati qegħdin jilmentaw li l-ammont sekwestrat m'huwiex *prima facie* ġġustifikat; li l-mandat m'għandux jolqot il-paga tar-rikorrent li tidħol direttament f'wieħed mill-Banek sekwestratarji; li fi kwalunkwe każ huwa eċċessiv, u talbu l-impożizzjoni tal-penali skont Art. 836(8) Kap 12;

Illi **r-rekwiżit li l-mandat kawtelatorju jrid ikun *prima facie* ġustifikat**

jitkejjel skond dawn il-kriterji ewlenin:

(i) il-Qorti trid tkun gwidata mill-bilanċ delikat bejn żewġ prinċipji: min-naħa l-waħda dak li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja m'għandux jiġi mxejjen jew imġarrab kif ġieb u laħaq, u min-naħa l-oħra l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha fil-milja tagħhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn Qorti[1];

(ii) il-kreditu pretiż irid jintrabat mal-kawżali tal-mandat. Dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li l-intimat eżekutant **għandux bażi ta' pretensjoni**. Irid ikun hemm jedd li jistħoqqlu l-ħarsien; **mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikulta', disagju jew tħassib;**[2]

(iii) **huwa rekwizit oggettiv u mhux soggettiv**, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-ġudikant, jew il-jeddijiet jidhru *prima facie*, ma' l-ewwel daqqa t'għajn, jew ma jidhru xejn, għall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat."[3]

(iv) il-mertu kollu jiġi nvestigat fil-kawża propja bejn il-partijiet, u għalhekk hemm **limitazzjoni sinifikanti fl-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan l-istadju**, u dan tenut kont li hawn *si tratta* dejjem ta' preliminari, li għad qed tistenna l-eżitu finali tal-kawża proprja. Dak li trid tagħmel il-Qorti f'din il-proċedura huwa biss sabiex teżamina *prima facie* jekk min ħareġ il-mandat **kellux pretensjoni legali għall-istess, u dan indipendentement jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le**, peress li dan l-aħħar jifforma l-mertu tal-kawża, li din il-Qorti bil- proċedura premessa, ovvjament għandha tħalli fil-ġudizzju tagħha, jew ta' Qorti oħra, għall-eżitu tal-kawża. [4] Għalhekk il-fatt li tintlaqa' talba għall-ħruġ tal-Mandat, **ma jfissirx li l-jedd ikun ippruvat**. Kif daqstant iehor ma jfissirx, illi għax talba għall-ħruġ ta' Mandat ma

[1] Vincent Merċieca vs George Galea , 29.11.2001 Prim'Awla RCP
[2] Cassar Pullicino noe vs Caruana Curran noe et – 26.05.1995 Qorti tal-Kummerċ (Kollez. Vol: LXXIX.iv.1387)]
[3] Grech pro et noe vs Manfre` 14.07.1988 Qorti tal-Appell (Kollez. Vol. LXXII.II.295)
[4] P .J. Sutters Company Limited vs Concept Limited 10.05.2001 Prim'Awla RCP. 10 ta' Mejju 2001; Visa Investments Ltd vs Blye Engineering Co. Ltd 07.02.2001, Prim'Awla, RCP.

tintlaqax, allura l-jedd pretiż ma jeżistix. Illi kull ma hu meħtieġ, u fl-istess ħin huwa biżżejjed, għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni, li jkun hemm ***fumus boni iuris***.

(v) huwa loġiku li billi l-mandat kawtelatorju jrid jinħareġ **qabel** ma jiġi aċċertat min għandu raġun, il-mandat jinħareġ favur dak li jidher mal-ewwel daqqa t'għajn li għandu raġun; iġifieri **b'mod verosimili jew plawsibbli; fi kliem ieħor b'mod li jitwemmen jew ikun kredibbli.** Dan min-naħa l-waħda **jeskludi pretenzjonijiet li huma frivoli jew assurdi, jew saħansitra fejn hemm mera possibilita`** u min-naħa l-oħra **jeskludi l-ħtieġa li l-pretenzjoni jkollha probabilita` kbira li tintlaqa'**.

(vi) proċedura ta' din ix-xorta hija ntiża sabiex tkun **sommarja,** billi **m'huwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bhal dan, kulma jmissu jitressaq quddiemha, waqt is-smiegħ tal-kawża dwar il-jedd**. Dan billi fil-proċess dwar il-mertu, l-iskop hu li jiġi aċċertat x'inhu d-dritt fil-każ konkret; filwaqt li l-iskop tal-proċess għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni għandu biss il-funzjoni strumentali li jikkawtela pretenzjoni ta' dritt, anke jekk din tista' ma tkunx fondata, sakemm ikun hemm pronunzjament ġudizzjarju dwar jekk hix tabilħaqq fondata fid-dritt jew le.

M'hemm l-ebda dubbju li l-pretensjoni fil-mandat *de quo* tissodisfa dawn il-kriterji: mhix ibbażata fuq sempliċi stħajjil anzi hija marbuta ma' dritt pretiż – dak ta' risarċiment tad-danni minħabba okkupazzjoni illegali mill-eżekutati ta' ħanut proprjeta` tal-eżekutant;

Illi dwar l-<u>aggravju li l-ammont pretiż huwa esaġerat,</u> huwa meqjus f'każi bħal dawn illi biex ammont imsemmi f'att kawtelatorju jitqies li huwa eċċessiv, jehtieg li jintwera li dan ikun esaġerat fid-dawl tat-talba li ssir jew ikun tant grossolan li ma jistax ma jidhrix mad-daqqa t'għajn bhala wieħed magħmul b'mod azzardat. B'danakollu, il-Qorti m'għandhiex tidħol fil-mertu imma għandha tistabbilixxi jekk l-ammont indikat fil-mandat ta sekwestru huwiex wieħed li raġjonevolment jirrifletti l-ammont tal-pretensjoni.[5]

---

[5] Salvino Farrugia vs Exalco Holdings Ltd 06.12.1999 P.A. (GV); Stewart Desmond Stanley v Therese Mangion Galea 29.07.2005 Prim'Awla; Avv J.J. Vella noe v Eden Irish Aircraft Leasing MSN 204 Limited et. 05.12.2012 Prim'Awla (RCP)

L-eżekutati pproduċew ċertifikat rilaxxjat *ex parte* mill-Perit Lino Cachia li jistma l-valur tal-kera tal-ħanut fis-somma ta' €430 fix-xahar. Din is-somma, il-Perit jidher li wasal għaliha wara li ħa in kunsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom li l-ħanut huwa ċkejken, li l-faċċata ma tistax tinbidel biex tinfetaħ vetrina wiesa u li m'huwiex fl-inħawi kummerċjali ewlenija tar-raħal. Min-naħa l-oħra, l-eżekutant isostni – bla ma jagħti raġuni - li l-kera kummerċjali huwa d-doppju ta' dak li wasal għalih il-Perit. Din il-Qorti ma tarax li m'għandhiex toqgħod fuq il-ġudizzju tal-Perit, anke jekk dan irrelata *ex parte*, billi ta' motivazzjonijiet konvinċenti in sostenn tal-konklużjoni tiegħu u wara kollox huwa professjonista li għandu fama x'iħares. Kera ta' €430 fix-xahar meħud fuq medda ta' tlett snin (perjodu magħżul mill-eżekutant stess) iwassal għal total ta' €15,480. L-eżekutant iqis ukoll l-ispejjeż sabiex il-ħanut jiġi ripristinat (skontu €8,000). Il-Qorti ma tarax għalfejn l-eżekutati għandhom jiġu miżmumin responsabbli għal din is-somma billi meta daħlu fil-post, kien diġa` ħanut; jekk is-sidien iridu jintegraw il-post mar-residenza tagħhom m'għandhomx iħallsu għal dan l-eżekutati. Daqstant ieħor m'għandhomx ikunu passibbli għal interessi bankarji ta' €33,000 konnessi mal-akkwist ta' fond li l-ħanut jagħmel parti żgħira minnu. Ċertament għalhekk l-ammont issekwestrat huwa wieħed esaġerat;

Illi **<u>dwar il-paga tal-eżekutat maqbuda bil-mandat</u>** l-eżekutant jaqbel mal-eżekutati li tenut kont tal-Art. 381(a) tal-Kap 12, din m'għandhiex tintlaqat;

Illi **<u>dwar it-talba biex l-eżekutant jeħel penali</u>** din il-Qorti tħoss li huwa prinċipju assodat mill-ġurisprudenza lokali li l-eżerċizzju tad-dritt ma jista' qatt iwassal għar-responsabbilta għad-danni, sakemm id-dritt ma jkunx abbużat u sakemm l-istess dritt jkun eżerċitat fil-limiti permessi fil-ligi. Fil-fatt fid-deċiżjoni **John Zarb vs Port Cottonera Limited**[6] (P.A. (TM) – 18 ta' Settembru 2002) ġie deċiż li:-

"Għalhekk, ġie deċiż li min jiftah il-kawża u jitlifha, ma jkunx responsabbli għad-danni, sakemm il-ftuh tal-kawża ma jkunx sar b'mod vessatorju (ara "**Farrugia vs Sammut**", Kollez. Vol. XXXVIII.i.223); u "**Barbara vs**

---

6 18.09.2002 Prim'Awla (Imħallef TM)

**Fleri**" Kollez. Vol.XXVIII.iii.695). Huwa meta persuna tagixxi kapriccosament jew b'mala fede, li hija tista' tkun responsabbli għad-danni li jsegwu l-agir irresponsabbli tagħha".

"Din il-Qorti, għalhekk, fil-waqt li tista' taqbel li c-cirkostanzi ta' meta min ikun ħareġ mandat kawtelatorju jista' jinsab responsabbli għad-danni, mhux limitat għal dak provdut fl-artikolu 836(8) tal-Kap 12, thoss li r-responsabbilta` trid tohrog mill-applikazzjoni tal-artikolu 1031 u 1032 tal-Kodici Civili (Kap 16), b'mod li jkun responsabbli biss jekk jagixxi b'imprudenza, b'negligenza jew mhux bil-hsieb ta' *bonus pater familias*".

Illi l-pozizzjoni dwar kawża ta' danni b'konsegwenza diretta ta' intavolar da parte tal-konvenuti ta' rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni ġie trattat fil-kawża fl-ismijiet **Jane Spiteri vs Nicholas Camilleri**[7] fejn ġie sostnut li:

(i) huwa prinċipju fondamentali illi min jeżercita dritt li jispetta lilu ma jistax jitqies li f'dan l-eżerċizzju jkun responsabbli għall-ħsara li bhala konsegwenza jista' jbati ħaddiehor, in omaġġ għall-massima *qui suo iure utitur, non videtur damnum facere*, bil-konsegwenza li d-dritt għar-rikors għall-protezzjoni tal-Qorti, huwa dritt li l-eżerċizzju tiegħu mic-cittadin ma għandu bl-ebda mod jiġi mxekkel.

(ii) tali dritt t'aċċess għall-Qorti tac-cittadin m'għandux jiġi abbużat.

(iii) l-fatt li t-talba ta' min ipprovoka l-proċeduri tigi miċħuda mill-Qorti, bl-ebda mod ma tfisser li bilfors sar abbuż mid-dritt li tiġi adita l-Qorti. "*Non e' in colpa chi, credendo in buona fede di possedere un diritto, ne chiede al tribunale il riconoscimento, sebbene non vi riesca*".[8] Dan għaliex għalkemm il-ligi hija l-istess għal kulħadd, huwa veru ukoll li l-ligi hija soġġetta għall-diversi interpretazzjonijiet li l-partijiet jafdaw fil-ġudikant biex jinterpreta u

[7] 10.01.1992 Prim'Awla (JSP)
[8] Demajo vs Page - Vol. XV. Pg. 34. P.A. 24. 1. 1895

jiddeċiedi dwarhom.

(iv) tali abbuż jiġi riskontrat biss f'kazijiet eċċezzjonali u dan kwazi dejjem f'kazijiet ta' vessatorjeta (**Emanuele Calleja vs Carmelo Grima** - A.C. - XXXIX.i.24) ġejja minn mala fede jew dolo jew almenu negliġenza gravament kolpuża (**Agius vs Dott. Carbone nomine**[9] fejn min ikun adixxa lill-Qorti għall-ħruġ ta' tali mandat kawtelatorju jkun ibbaża fuq ċirkostanzi manifesti "*priva di qualsiasi fondamento nel fatto e nel diritto per cui il giudizio promosso si dimostri vessatorio. Ma un fallace apprezzamento dei fatti posta a base dell'istanza e delle consequenze giuridiche che ne derivano non e' sufficiente a leggittimare una domanda per danni da parte del vincitore nelle lite*". [10]

(v) dan l-aħħar prinċipju huwa bbażat fuq il-fatt li l-element ta' vessatorjeta jimplika abbuż tad-dritt ta' azzjoni ġudizzjarja, għaliex ingħad sew illi: -

"*Il diritto cessa dove comincia l'abbuso riteniamo che basta, per prottegere tutti l interessi che ne sono degni, per dare una base giuridica alle diverse decisioni che provocano i bisogni della societa, di aderire al concetto generale che tutti i diritti hanno dei limiti". Applikat dan il-prinċipju għad-dritt ta' azzjoni kontra persuna jfisser illi " chi agisce in mala fede od in seguito ad un grossolano errore, puo' essere condannato a pagare un' indemnita al suo avversario*". [11]

Illi dwar il-kwestjoni tal-impożizzjoni tal-penali, irid jingħad li din hija **sanzjoni fakoltativa**. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, tista' taqbel li

---

[9] XIII. 434 - 10.4.1890
[10] Mugliette vs Bezzina - XXVI. I. 405

[11] Baudry - Lacantinerie. - Trattato Prattico di Diritto Civile - Delle Obligazioni- Vol. VI. Pg.560

tgħabbi lil min ikun ħareġ Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' ħlas ta' penali. Minbarra li tali impożizzjoni hija fakultativa, irid jintwera għas-sodisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin mil-liġi biex tali sanzjoni tiġi imposta. Erbgħa (4) huma ċ-ċirkostanzi maħsuba mil-liġi f'dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, **għandhom jitqiesu strettament bħala tassattivi**. F'dan il-każ, ir-rikorrenti ma jsemmu l-ebda waħda mill-erba' kawżali maħsuba. B'mod vag jallegaw biss li l-Mandat inħareġ b'mod fieragħ u abbużiv bħala estorsjoni;

Illi dwar din iċ-ċirkostanza, ir-rikorrenti tgħid li l-ħruġ tal-Mandat kien malizzjuż, frivolu u vessatorju. Il-Qorti tqis li diġa' ntwera li ma jistax jingħad li l-Mandat inħareġ bi ksuħat jew mingħajr ma kien hemm għalfejn – inħareġ biex jiġi mħares dritt li jidher li l-eżekutant jidher mad-daqqa t'għajn li tabilħaqq għandu. Huwa minnu li l-ammont issekwestrat huwa eċċessiv, iżda dan waħdu m'huwiex biżżejjed biex il-Qorti tikkonkludi li l-mandat inħareġ b'ħażen, għal raġuni fiergħa, jew bil-ħsieb waħdieni li jdejjaq lill-eżekutati.

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tipprovdi dwar it-talbiet tar-rikorrenti eżekutati billi:

Tiċħad it-talba li l-mandat jiġi mħassar iżda qiegħdha:

(1) tnaqqas l-ammont issekwestrat għas-somma ta' €17,000;

(2) tneħħi mill-effetti tal-mandat il-paga li daħlet u li għad trid tidħol fil-kontijiet bankarji tar-rikorrent eżekutat Mark Micallef u għal kull bwon fini tawtorizza lill-Banek sekwestrati biex b'effett immedjat jirrilaxxjaw favur l-eżekutat din il-paga;

(3) tiċħad it-talba għall-kundanna ta' penali kontra l-eżekutant.

Spejjeż ta' din il-proċedura jitħallsu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

Mogħti kameralment illum, 3 t'Awwissu, 2018.

Onor. Imħallef Grazio Mercieca